ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 47 IT-TNEJN, 06 TA' AWWISSU 2018**

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu,li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, nhar it-Tnejn, 6 ta' Awwissu 2018 fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Ghaxar Kunsilliera)**

Jesmond Aquilina – Sindku
Bjorn Azzopardi – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Jerome Caruana Cilia
Robert Reno Cremona – Kunsillier
Renald Falzon – Kunsillier
Josef Aquilina – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Antoine Saliba Haig – Kunsillier
Daniel Bugeja - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Martina Brancaleone - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kenneth Brincat – Segretarju Eżekuttiv
Mattea Sghendo – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

**MINUTI**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ippresjeda il-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.lc.gov.mt.

**47/01 QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**47/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** qara l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Martina Brancaleone li ma setgħetx tattendi l-laqgħa minħabba raġunijiet ta' mard. Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandux jsir nuqqas fl-*allowance*.

**47/02/01 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 46**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 46 li nżammet nhar it-Tnejn 2 ta' Lulju 2018, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi ssekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 46 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**47/03 MISTOQSIJIET LIS-SINDKU**

Ma kienx hemm mistoqsijiet lis-Sindku.

**47/04 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**47/04/01** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ikkomunika li s-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat infurmah bir-riżenja tiegħu mill-kariga peress li se jkun appuntat f'pożizzjoni differenti f'kariga differenti mit-13 ta' Awwissu 2018. **Is-Sindku Jesmond Aquilina** irringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv u spjega li għaldaqstant id-**Deputat Segretarju Eżekuttiv,**

**Karen Camilleri** għandha taġixxi fl-irwol ta' Segretarju Eżekuttiv. Għaldaqstant il-Kunsill għadda riżoluzzjoni biex jinforma l-banek bdil fil-firmatarji tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi li apparti s-Sindku Jesmond Aquilina hemm d-Deputat Segretarju Eżekuttiv Karen Camilleri.

**47/04/02** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq rapport dwar variations fil-kuntratt tal-Proġett tat-tisbiħ ta' Triq San Bartolomew, fejn hemm bżonn bidla fil-materjal li ħa jintuża fil-bankini kif ukoll taz-zuntier. Il-Kunsill approva l-variations bl-ammonti msemmija fir-rapport **DOK 'A1-2'**

**47/04/03** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** informa lill-Kunsill li l-Kunsill se jkun qed japplika taħt l-iskema tar-restawr ta' postijiet storiċi għall-Mitħna. Il-Kunsill approva *nem.con*.

**47/04/04** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** informa lill-Kunsill li wara talba tal-Kunsill Lokali, ix-xogħlijiet li bħalissa jinsabu għaddejjin mill-gvern għal culverts fi Triq Dun Marju, dawn ġew estiżi sa' Triq San Ġorġ.

**47/04/05** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** informa lill-Kunsill li x-xogħol fuq il-proġett tal-Miżura 4.3 jinsab għaddej. Fir-rigward ta' Triq il-Ħofor ġie deċiż biex issir minn Transport Malta peress li x-xogħol tagħhom huwa asfalt u l-Kunsill bil-konkos. Il-Kunsill approva *nem.con*.

**47/04/06** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** informa lill-Kunsill li l-Kunsill se jkun qed japplika taħt l-iskema tar-restawr ta' postijiet storiċi għall-Mitħna. Il-Kunsill approva *nem.con*.

**47/04/07** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** informa lill-Kunsill li l-Bord tal-Għażla tal-Impjieg ta' Skrivana ffinalizza l-għażla u rrakkomanda li tiġi mpjegata l-persuna indikata fuq ir-rapport anness. Il-Kunsill approva unanimament ir-rakkomandazzjoni tal-Bord. **DOK A3**

**47/04/08** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq korrispondenza minn resident dwar proposta ta' One-Way traffic management fis-service road ta' Triq Ġuze Duca. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li din it-triq issir one-way iżda bil-kontra tat-traffic flow kif propost mir-resident. **DOK A4**

**47/05 RAPPORTI**

**47/05/01 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU GĦAT-TIENI KWART TAS-SENA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq ir-rapport finanzjarju għat-tieni kwart tas-sena li għal darb'oħra juri l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill b'saħħitha u l-infiq u l-ispiża hija viċin tal-estimi finanzjarju.

**DOK 'B'**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq mozzjoni biex jiġi approvat dan ir-rapport.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur Għaxaar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.**

**46/05/02 RAPPORT DWAR TRAFFIC MANAGEMENT REQUESTS**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq rapport dwar talbiet li saru matul dan l-aħħar xahar li jikkonċernaw tabelli u sinjali u traffic management. **DOK 'C'**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq mozzjoni biex jiġi approvat kif rrakomandat fejn fir-rigward tal-proposta ta' parkeġġ fi Triq Lydda l-Kunsill għandu jikkonsulta mar-residenti qabel din tiġi attwata.

**Il-Kunsillier Renald Falzon** issekonda.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsillier (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.**

**47/06 RAPPORTI KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

**47/06/01 RAPPORT MILL-KUNSILLIERA**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lill-kunsilliera biex permezz ta’ din il-materja, l-Kunsilliera jressqu rapporti u kummenti dwar il-ħidma tagħhom

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** informa lill-Kunsill li ġie maħtur membru fuq il-Kumitat Eżekuttiv tal-Gal Xlokk. Il-Kunsill feraħ lill-kunsillier Zammit għal din il-ħatra.

**Il-Kunsillier Daniel Bugeja** ressaq rapport dwar skart mormi mal-Bring in Site li hemm fi Triq iċ-Ċawsli u talab li l-Kunsill jikkunsidra li jsiru CCTV. **Is-Sindku Jesmond Aquilina** wieġeb li mhux faċli li dan isir għaliex apparti li jrid ikun hemm provvediment tal-elettriku u internet, trid ir-riżorsi umani biex joqogħdu jimmoniterjaw dawn is-CCTV li qegħdin isiru.

**Il-Kunsillier Josef Aquilina** ressaq rapporti dwar bżonn ta’ tindif fil-wied, faċċata tar-Razzet l-Antik.

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** fakkar li l-Ministru tal-Ambjent Jose Herrera riċentament wiegħed lis-Sindku b’mod verbali sabiex isiblu żona f’Ħal Qormi li tista’ ssirilha *landscaping*. **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ppropona iż-żona miftuħa li hemm f’Ta’ Farsina. Il-Kunsill qabel unanimament biex titressaq din il-proposta lill-Ministru.

**Il-Kunsillier Daniel Bugeja** informa lill-Kunsill li bħalissa jinsab għaddej fi preparamenti biex issiru ħarġiet mal-Iskola Sajf San Ġorġ filwaqt li ppropona li ssir Book Fair fl-iskola ta’ San Bastjan lejn l-aħħar ta’ Awwissu. L-uniku spiża tal-Kunsill se tkun ir-rata għal kull siegħa tal-purtinar li jrid ikun preżenti waqt il-fiera. Il-Kunsill approva *nem.con*.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ressaq rapport dwar il-bżonn li l-Kunsill jitlob lil Transport Malta u/jew Pulizija u/jew LESA sabiex jintbagħat uffiċjal jimmaniġġja t-traffiku kull filgħodu fi Triq il-Mitħna. Il-Kunsill qabel li jressaq it-talba sakemm iżda l-Kunsill ma jidħol fl-ebda spiża.

**47/07 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA’ LULJU 2018**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta’ pagamenti għax-xahar ta’ Lulju 2018, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**DOK ‘E1-3’**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Lulju 2018
**b)** *Bank Payments* Lulju 2018
**c)** *Petty Cash* Lulju 2018

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**47/08 MOZZJONIJIET**

**47/08/01 MOZZJONI 88/2018 (VIII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stiden lill-Kunsillier Jerome Caruana Cilia iressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Niproponi li jkun jixraq illi parti minn Triq San Bastjan u Triq San Bartolmew quddiem il-Knisja ż-żgħira ta' San Sebastjan tiġi msemmija Pjazza San Sebastjan.*

**DOK 'F1'**

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar** Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 88/2018.

**47/09 AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina aġġorna il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 17 ta' Settembru 2018 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:15 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Jesmond Aquilina | Karen Camilleri |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti kkonfermati llum 14 ta' Awwissu 2018.**